MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2009

Numru. 937/2006

Il-Pulizija
(Sp Alexander Grech)
vs
Rosaria Zammit Busuttil, bint Rosario Busuttil, imwielda Ħal-Għaxaq fit-18 ta’ Lulju, 1967

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputata talli fis-17 ta’ Lulju, 2006 għal ħabta tas-6.30 p.m. waqt li kienet fil-Bajja ta’ San Tumas, Marsaskala –
a. volontarjament ħassret, għamlet ħsara jew għarrqet ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe’ għamlet ħsara fi proprjeta’ għad-dannu ta’ Joseph Zammit miż-Zejtun, liema ħsara hi ta’ anqas minn Lm500 għad-dannu ta’ l-istess Joseph Zammit;

b. volontarjament kisret il-bon ordni u il-paċi pubblika b'għajjat u ġlied;
c. qalet fil-pubbliku kliem indeċenti u oxen, liema kliem kien jikkonsisti f'dagħa;
d. ħebbet kontra Joseph Zammit sabiex tinġurjah, iddejqu jew tagħmillu ħsara.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta' ta' Joseph Zammit u tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 383 et seq tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputata.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputata qaċċtet iż-żewġ mirja laterali tal-karozza ta' l-imputat ta' l-għamla Fiat Bravo, bin-numru tar-reġistrazzjoni EBF 854.

Illi l-ħsara li għamlet l-imputata tlaħħaq is-somma ta' Lm319.

Illi l-akkużi l-oħra ġew pruvati u kwalunkwe osservazzjoni oħra hi żejda.

Għaldaqstant, issib lill-imputata ħatja tal-akkużi kollha miġjuba kontra tagħha. Rat l-artikoli 325(1)(b), 338(bb)(dd) u 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali. Rat il-fedina penali netta ta' l-imputata. Ma tikkundannahiex għal piena karċerarja iżda tilliberaha taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien tmintax il-xahar mil-lum. Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------